MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 230/1996/1

Rose mart Joseph Borg .

vs

Assunta mart Carmelo Grech;

Benigna mart Indrija Meilak;

L-avukat Dottor Alfred grech LL.D. li b'degriet tal-10 ta' Dicembru, 1996 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal tal-mejjet Joseph Gauci .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi fit-tmintax (18) ta' Awissu tal-elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971) mietet fin-Nadur, Ghawdex, Francesca

mart Emmanuel Gauci bint il-mejtin Luigi Camilleri u Benigna nee' Falzon (Dok A) ;

Illi fis-sbatax (17) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) miet f'Victoria, Ghawdex, l-imsemi Emanuel Gauci iben il-mejtin John u Rose nee' Buttigieg (Dok B) ;

Illi l-imsemija konjugi Gauci irregolaw l-eredita' taghhom permezz ta' testment tal-erbgha (4) ta' Frar tal-elf disa' mija u disgha u sittin (1969) fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi li permezz tieghu oltre xi legati hemm ordnati hatru bhala eredi taghhom lill-erba' uliedhom jigifieri lill-attrici, lill-konvenuti Assunta Grech u Benigna Meilak u lill-imsemmi Joseph Gauci (Dok. C) ;

Illi l-imsemmi Joseph Grech miet fl-esteru fit-tlettax (13) ta' Mejju tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u mhux maghruf lill-attrici min huma l-eredi tieghu (Dok D) ;

Illi konsegwenti ghall-mewt tal-imsemmija Emmanuel u Francesca konjugi Gauci l-attrici qeghda tippossjedi diversi beni in komun mal-konvenuti ;

Illi l-attrici ma tridx li tibqa' iktar f'dan l-istat ta' komunjoni u trid  ghalhekk li dawn jigu maqsuma bejniethom .

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaddivjenu ghall-qasma bonarja .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tahtar amministratu sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta .

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Emmanuel u Francesca konjugi Gauci billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .

3. Taqsam il-komunjoni tal-kkwisti hekk likwidata, f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Gauci .

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Francesca Gauci billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .

5. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmi Emmanuel Gauci billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .

6. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari tal-istess Francesca Gauci hekk likwidati f'erba' porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici Rose Borg u ohra kull wiehed lill-konvenuti .

7. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari tal-istess Emmanuel Gauci hekk likwidati f'erba' porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici Rose Borg u ohra kull wiehed lill-konvenuti .

8. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

9. Kemm-il darba l-beni komprizi fl-ereditajiet imsemmija jew uhud minnhom jirrizultaw li ma humiex komodamenti divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, u r-rikavat jigi ppercepit mill-kontendenti fil-kwoti imsemmija .

Bl-ispejjes .

Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigi ngunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici debitament mahlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Assunta Grech u Benigna Meilak li eccepew illi :

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju peress illi l-kawza messha giet diretta kontra l-eredi tal-mejjet Joseph Gauci minflok kontra tieghu personalment billi Joseph Gauci jinsab mejjet u bhala tali ma jistax f'gudizzju ta' din ix-xorta .

2. Illi l-ewwel talba hija superfluwa jekk mhux kontradittorja ghall-kumplament tat-talbiet u dan ghaliex ma jaghmilx sens illi fl-istess gudizzju li fih qed tintalab il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi tintalab ukoll in-nomina ta' amministratur biex jamministra l-istess assi .

3. Salv il-permess l-eccipjenti m'ghandhomx oppozizzjoni ghat-talbiet tal-likwidazzjoni u divizjoni salvi illi jsiru l-verifiki tal-kwoti u tigi stabbilita l-konsistenza ta' l-assi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Benigna Meilak .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Alfred Grech nomine li eccepixxa illi :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April 1997 fejn innominat lill-avukat Dotttor Joseph Ellis bhala perit legali u lill-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku f'din il-kawza .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti pprezentata fil-5 ta' Frar 2001 u mahlufa fit-23 ta' Frar 2001 mill-perit legali u fis-26 ta' Frar 2001 mill-perit tekniku .
Rat il-verbal taghha tat-30 ta' Marzu 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-likwidazzjoni u divizjoni tal-beni gia formanti parti l-ereditajiet tal-genituri taghha, l-imsemmija Emmanuel u Francesca konjugi Gauci . Ma gewx prodotti ricerki testamentarji, imma biss testment wiehed unica carta bejn l-istess konjugi Gauci . Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, qed jigi prezunt illi dan it-testment jirraprezenta l-ahhar volonta' tal-konjugi Gauci . In forza ta' l-istess testment[1], il-konjugi Gauci, wara li hallew lis-superstiti fosthom l-usufrutt tal-beni reciproci ghal-bqija ta' hajtu, hallew bi prelegat u akkont ta' sehmha lil binthom Benigna Meilak il-fond numru sittax (16) Triq Xjuf ir-Rih, in-Nadur, Ghawdex,[2] u mill-bqija istitwew lill-erba' uliedhom, il-kontendenti f'din il-kawza u kif rapprezentati, eredi ndaqs bejniethom[3] . Fl-istess artiklu iddikjaraw ukoll x'kienu taw lil uliedhom matul hajjithom, u cioe' lil : binhom Giusepp mitt lira ghajnuna ghall-passagg biex isiefer; Assunta Grech bicca raba' fi Triq il-Mithna l-Qadima b'dota; Rosa Borg Attard hames mitt lira b'dota; u Benigna Meilak mija u hamsin lira b'dota meta siefret lejn l-Amerika . Jidher ghalhekk illi kienet l-intenzjoni tat-testaturi illi l-eredi taghhom igibu lura ghall-qasma dak kollu illi kienu hadu minghand l-istess testaturi matul hajjithom. Infatti dan huwa proprju dak li tipprovdi l-

[1] Atti Nutar Giueppe Cauchi ta' l-4 ta' Frar 1969 (Dok. C a fol. 7 - 10 tal-process) .
[2] Art. V ta' dan it-testment .
[3] Art. VI ta' l-istess testment .

ligi meta l-beneficjarju ma jkunx gie ezentat mill-obbligu tal-kollazzjoni[4] .

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Grech u Meilak giet irtirata seduta stante fis-17 ta' April 1997[5] . Ghalkemm kien hemm talba ghall-hatra ta' amministratur, l-attrici ma jidhirx illi insistiet ghal din it-talba fil-kors tas-smiegh tal-kawza u issa li l-Qorti waslet biex twettaq id-divizjoni mitluba fit-talbiet l-ohra, zgur li ma baqa' ebda skop ghaliha .

Nigu ghalhekk minnnufih ghall-likwidazzjoni ta' l-assi . Il-Qorti ma taqbel xejn mal-mod kif irrelata li ghandha ssir din id-divizjoni l-perit legali u ghalhekk qed tiskarta l-istess relazzjoni, hlief sa fejn din tistabilixxi biss kwistjonijiet ta' fatt . Fil-fehma taghha din il-qasma ghandha ssir bil-mod segwenti .

Jidher illi fl-assi parafernali taghha d-decujus Francesca Gauci kellha xi ishma indivizi minn beni provenjenti minn xi familjari taghha . Hadd mill-kontendenti ma kien pero' f'pozizzjoni jispecifika dawn il-beni x'kienu u ghalhekk il-qorti m'ghadha ebda ghazla hlief illi thalli l-istess ishma illikwidi . Jirrizulta illi l-ghalqa ta' Triq il-Mithna l-Qadima, in-Nadur, li giet donata lil bintha Maria Assunta fl-okkazjoni taz-zwieg taghha kienet parafernali taghha ukoll . Din l-ghalqa illum tinsab zviluppata u fuqha l-konvenuta Assunta Grech bniet ir-residenza taghha . Minhabba l-kollazzjoni li trid issir, kif fuq inghad, il-valur ta' din l-ghalqa ghandu jitqies bhala formanti parti mill-massa ereditarja tad-decujus . Ghalhekk billi din l-ghalqa giet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' tmintax il-elf lira maltija (Lm18,000),[6] l-istess donatarja trid tirrifondi lill-eredita' ta' ommha s-somma msemmija .

Assi parafernali d-decujus Emnanuel Gauci ma jirrizultax li kellu .

---

[4] art. 913 u 914 tal-Kap. 16 u artikoli sussegwenti tal-paragrafu IV tas-sub-titolu III tat-Taqsima II ta' l-isetss Kodici li jitkellmu dwar il-kollazzjoni .
[5] a fol. 25 .
[6] ara rapport peritali Dok. ES a fol. 57 .

Fil-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Gauci jirrizulta li hemm id-dar numru 16 Triq Xjuf r-Rih, in-Nadur, legata lil binthom Benigna Meilak akkont ta' sehma . Din giet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' tmintax-il elf u hames mitt lira maltija (Lm18,500) . Billi rrizulta illi kemm ilha f'idejha din id-dar il-legatarja ghamlet xi bini gdid u benefikati ohra ammontanti b'kollox fis-somma ta' elfejn u tliet mitt lira maltija (Lm2300) [7], u hija ghandha dritt li tigi rimbosata ghal dawn l-ispejjez, jigi illi l-valur tad-dar ghall-iskop ta' divizjoni huwa ta' sittax-il elf u mitejn lira maltija (Lm16,200) . Joseph Borg, ir-ragel ta' l-attrici spjega fix-xhieda tieghu illi kien hemm ukoll xi depoziti bankarji li pero' gew zbankati in segwitu ghall-mewt ta' Francesca Gauci u wara zewgha qassamhom ma' uliedu . Ghamara u mobbli ohra ta' xi valur ma jirrizultax illi kien hemm . Madankollu ma' l-assi formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti, jridu jidhlu ukoll il-konferimenti kollha li l-istess testaturi qalu li ghamlu lil uliedhom matul hajjithom . Apparti l-ghalqa dotata lill-Assunta Grech, li gia giet inkuza fl-assi parafernali tad-decujus Francesca Gauci, kien hemm ukoll : il-mitt lira (Lm100) moghtija lil Guzepp Gauci meta siefer; hames mitt lira (Lm500) dota lil Rosa Borg u mija u hamsin lira (Lm150) dota lil Benigna Meilak . Minhabba l-kollazzjoni, kif gia nghad, dawn kollha jridu jigu konferiti lill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Gauci . Jigi ghalhekk illi l-assi formanti din il-komunjoni ta' l-akkwisti jikkonsistu :

1. fil-valur tad-dar legata lil Benigna Meilek, neqsin il-benefikati = Lm16,200 ;
2. il-flus moghtija li Guzepp Gauci = Lm100 ;
3. il-flus moghtija lil Rosa Borg = Lm500 ; u
4. il-flus moghtija lil Benigna Meilak = LM150

- total ta' sittax-il elf disa' mija u hamsin lira maltija (Lm16,950) .

[7] ara ukoll l-istess rapport .

Jigi ghalhekk illi l-assi partikolari ta' Francesca Gauci jikkonsisti fl-assi parafernali taghha tal-valur ta' =Lm18,000 maghdud mal-valur ta' nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti + Lm8475 = Lm26,475 .

L-assi partikolari ta' Eamnuel Gauci jikkonsisti biss fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk : Lm8475 .

Billi ma baqa' l-ebda proprjeta' immobbli ghall-qasma, billi, kif gia inghad, id-dar ta' Xjuf ir-Rih giet legata lil wahda mill-kondividenti u l-ghalqa inghatat b'dota lil kondividenti ohra, hemm biss il-valur ta' l-assi kollha in divizjoni x'jittiehed in konsiderazzjoni ghall-iskop ta' din il-qasma . Ghalhekk il-valur totali ta' dawn l-assi jlahhaq is-somma ta' erba' u tletin elf disa' mija u hamsin lira mlatija (Lm34,950) . Billi l-kondividenti huma erbgha, il-kwota spettanti lil kull wiehed minhom tlahhaq : tmint elef seba' mija seba' u tletin lira maltija u hamsin centezmu (Lm8737.50) .

Billi d-dar legata lil Benigna Meilak, neqsin il-benfikati giet stmata Lm16,200, u hadet b'dota Lm150 din trid tirrifondi lill-massa ereditarja is-somma ta' : Lm16,200 + Lm150 = Lm16350 - Lm8737.50 = Lm7612.50 .

Billi l-ghalqa dotata lil Assunta Grech giet stmata tal-valur ta' Lm18,000, din trid tirrifondi lill-massa ereditarja : Lm18000 - Lm8737.50 = Lm9262.50 .

Billi Giusepp Gauci ha Lm100 meta siefer, ghad baqalu jiehu mill-massa ereditarja : Lm8737.50 - Lm100 = Lm8637.50 .

Billi Rosa Borg hadet Lm500 dota meta zzewget, ghad baqalha tiehu mill-massa ereditarja : Lm8737.50 - Lm500 = Lm8237.50 .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi :

1. tichad l-ewwel talba billi llum din hija superfluha ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Emanuel u Francesca Gauci kien jikkonsisti fid-dar numru sittax (16) Triq Xjuf ir-Rih, in-Nadur, Ghawdex u diversi somom dotati lil uliedhom matul hajjithom, kollox tal-valur ta' sittax il-elf disa' mija u hamsin lira maltija (Lm16,950) ;

3. tilqa' t-tielet talba u filwaqt illi taqsam din il-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali, tassenja nofs il-valur ta' din il-komunjoni u cioe' s-somma ta' Lm8475 lill-assi partikolari ta' Emmanel Gauci u l-istess somma lill-assi partikolari ta' Francesca Gauci ;

4. tilqa' r-raba talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Francesca Gauci billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'nofs il-valur tal-komunjoni ta' l-akkwisti u cioe' s-somma ta' Lm8475 flimkien ma' l-assi parafernali taghha, konsistenti fl-ghalqa ta' Triq il-Mithna l-Qadima, n-Nadur, dotata lil bintha Assunta Grech, tal-valur ta' Lm18,000 ;

5. tilqa' l-hames talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Emanuel Gauci billi tiddikjara illi dan jikkonsisti f'nofs il-beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti ;

6. tilqa' s-sitt u seba' talba u filwaqt illi tiddikjara illi l-valur totali ta' l-assi gia appartenenti lill-konjugi Emanuel u Francesca Gauci kien ta' erba' u tletin elf disa' mija u hamsin lira maltija (Lm34,950), jigi illi lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti jmissu valur ta' tmint elef seba' mija seba' u tletin lira maltija u hamsin centemzu (Lm8737.50) . Billi l-beni mmobbli li gew ikkunsidrati ghall-iskop ta' din il-qasma gia jinsabu f'idejn dawk mill-kontendenti li lilhom gew imhollija u l-kontendenti kollha gia hadu xi haga mill-assi in divizjoni, imma mhux b'mod ugwali, trid issir ekwiparazzjoni bil-mod segwenti : (a) il-konvenuta Benigna Meilak trid tikkonferixxi lill-massa ereditarja s-somma ta' seba' telef sitt mija tnax il-lira maltija u hamsin centezmu (Lm7612.50) ; (b) il-konvenuta Assunta Grech trid tikkonferixxi lil-massa ereditarja is-somma ta' disa' telef

mitejn tnejn u sittin lira maltija u hamsin centemu (Lm9262.50); (c) il-wirt gjacenti ta' Guzepp Gauci, kif rapprezentata, irid jiehu mill-massa ereditarja is-somma ta' tmint elef sitt mija seba' u tletin lira maltija u hamsin centezmu (Lm8637.50) u (d) l-attrici Rosa Borg trid tiehu mill-massa ereditarja s-somma ta' tmient elef mitejn seba' u tletin lira maltija u hamsin centemu (Lm8237.50) .

8. tichad it-talbiet l-ohra billi mhux il-kaz .

L-ispejjez, billi din hija kawza ghad-divizjoni, jridu jigu ssoportati ndaqs bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------